**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 35 – IT-TNEJN 26 TA' OTTOBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru erbgħa u tletin (34) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-13 ta' Ottubru u s-26 ta' Ottubru 2009.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2533/09. It-Teacher mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ċemplet biex tikkonferma l-ħinijiet tal-courses tal-Ingliz li jinżammu fis-Sala tal-Kunsill.

2.3. Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li hu kien mistieden biex jattendi l-preżentazzjoni ta' Miss Malta fit-3 ta' Novembru biex jirrapreżenta l-Kunsill ta' l-Iklin.

2.4. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2610/09. Itta li bagħat il -Kunsill Malta għall-Isports fejn ikkonferma li l-korsijiet tal-Aerobics jistgħu jsiru mil-ġdid s-sena d-dieħla wkoll.

2.5 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għall-Korrispondenza Nru. 2652/09 dwar risposta li rċevejna mingħand it-Tribunal Lokali fuq Kiosk li hemm fi Pjazza Ninu Cremona. Is-Sindku talab biex naraw jekk dan għandux jibqa` hemm minħabba t-tunnellaġġ tiegħu.

2.6 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2575/09. Saret talba lil-ADT biex isiru 'l-parking-bays' quddiem tlett residenti f'parti ta' Pjazza Ninu Cremona, wara l-Knisja.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn it-13 ta' Ottubru u s-26 ta' Ottubru 2009, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward talba Nru.026143 biex isiru t-tabelli tar-"Residents Parking". Il-Kunsill sejjer jara f'liema parti huma mitluba u jekk hemmx bżonnhom.

3.3 Rigward ilment 826144 dwar ħafna ħofor fi Triq Bruka. Il-Kunsill Lokali sejjer jinvestiga u jieħu passi skond il-ħtieġa.

3.4 Rigward talba 426200 dwar informazzjoni fuq il-permess għall-bini tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali għaliex din r-residenta li toqgħod fi Triq Ġuze Ellul Mercer hija kontra dan il-bini. Is-Segretarju ġa ħa ħsieb jirrispondiha.

3.5 Rigward talba 026255 biex issir tabella li turi li Triq Ċensu Busuttil hija two-way. Il-Kunsill Lokali "ddiskuta t-traffiku li jgħaddi min din it-triq; is-Sindku qal li hemm bżonn li niddeċiedu li, jekk din it-triq issir "one-way" il-fuq, vetturi jinżlu minn triq oħra. Il-Kunsill sejjer jibqa għaddej bid-diskussjonijiet.

3.6 Rigward ilment Nru. 626433 dwar bankina ta' quddiem Villa Avallone li qiegħda fi stat ħażin; il-Kunsill ħa nota tagħha u din issir aktar il-quddiem.

3.7 Rigward ilment Nru. 22/01 fuq id-"double- yellow line li sar fi Triq Pawlu Grech. Il-Kunsill kellu l-permess meħtieġ biex

jagħmel dan għat-tieni darba. Hu sejjer jikteb bir-risposta lil-persuna ikkonċernata.

3.8 Rigward ilment Nru. 526541 dwar żurżieqa li għamel il-Kunsill meta saret il-bankina ta' Triq Karm Vassallo ma' Triq Patri Marjanu Vella. Il-vetturi ta' sikwit jidħlu fiċ-ċint ta' warajha u jkun hemm it-tfal ta' l-iskola jistennew. Il-Kunsil jikkonferma li dan saret u approvat skond is-sena.

3.9 Rigward ilment Nru. 26/01 minn resident ta' Triq Ġużè Muscat Azzopardi li għandu l-garaxx in-naha ta' fuq ħdejn 6 garaxxijiet oħra. Ta' ħdejh jħalli l-vettura ipparkjata ma' ġenb il-bankina u ma' jkunx jista' joħroġ. Talba biex il-Kunsill jisboħ il-parking-bay tal-faċċata. Il-Kunsill Lokali qed jinvestiga dan l-ilment u jieħu passi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIEQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Nazzareno Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 01760/09 "Change of Use" minn garaxx għal-ħanut taż-żebgħa u tabella. Jinżamm parti mill-garaxx għall-parkeġġ ta' vetturi privati. Majjorkin, Triq il-Klin. Kien hemm rikmandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.3 Dwar PA 06538/09 Ħatt ta' dar u bini ta' basement garaxxijiet u maħżen, ħanut u meżżanin isfel, appartamenti fl-ewwel ut-tieni sular u penthouse u tabella fis-sular tal-bejt inkluz il-lift. Casa Ramoann, Triq Geronimo Abos Kien hemm rikmandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata ( Id-deċiżjoni oriġinali tibqa.)

5.4 Dwar PA 01462/09 Applikazzjoni amendata PA 4601/08 – alterazzjonijiet fil-garaxx eżiżtenti.Garage No. 9, Triq Richard Taylor. Kien hemm rikmandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.5 Dwar PA 026647/07 Approvazzjoni ta' garaxx kif imbena u alterazzjonijiet fil-garaxx u parkeġġjar ta' vettura personali għolja 14 il-filata. 33, Triq Karm Vassallo.Kien hemm rikmandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata. (Id-deċiżjoni oriġinali tibqa)

5.6 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 02350/09 Tibdil ġewwa u barra, biex jinqaleb uffiċċju f'żewġ ħwienet Klassi 4. Maġenb Russell Buildings Triq in-Naxxar.
PA 03826/09 Biex tinbena kamra fuq il-bejt ta' showroom. "Prenatal" Triq Dun Karm.
PA 03985/09 Tabelli ta' informazzjoni u bankijiet fi Triq Erin Serracino Inglott. Applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Iklin
PA 04046/09 Tibdil ta' residenza f'ħanut klassi 4 ( ħanut ta' l-arti) 2, Maranta, Triq Dun Karm c/w Triq Geronimo Abos.

## 6. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex qal li kien wasal iż-żmien biex naħsbu fl-attivitajiet tal-Milied. Hu semma dawn li ġejjin:
Film għat-tfal.
Presepju Ħaj- Din hija xi ħaġa ġdida għal Kunsill tagħna u wieħed irid jaħseb ftit fuqha; naturalment jkun hemm 'animation' tal-karattri reliġużi. Is-Sur Dalli ippropona li nġibu ħelu tradizjonali tal-Milied bħal, Qastan, Imqaret, Qagħaq ta' l-għasel, Għana tal-Milied. Hu l-ħsieb li jitqassmu rigali tal-Milied mil-ġenituri għat-tfal. Proposta oħra kienet
li nġibu tfal minn Istitut biex jieħdu sehem magħna u jingħatalhom xi rigal żgħir bħala tifkira.
Il-ħsieb huwa wkoll li nsibu x'imkien miftuħ u li jkun mgħotti b'Canopy kbira li tasa' ħafna nies.
Issir il-Bibita' tal-Milied.

Dati jiħabbru aktar tard.

## 7. FULJETT TAL-MILIED

7.1 Is-Sur Dalli ħabbar li sejjer joħroġ il-fuljett għal-Milied. Dan sejjer jkun ta' 24 faċċata bil-kulur.

7.2 Għaldaqstant stieden lill-Kunsilliera kollha biex jippreparaw il-kitba tagħhom fuq xi suġġett relatat mal-Kunsill Lokali. Dan għandhom jibgħatuh malajr kemm jista' jkun.

## 8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

8.1 Is-Sur Dalli fakkar li nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru sejra issir laqgħa ta' Konsultazzjoni Pubblika fuq il-Proġett tal-Leader għall-Kunsill tagħna li jifforma parti mill-Kunsilli tal-Majjistral

iffurmat minn 13 il-Kunsill. Din sejra issir fis-Sala tal-Kunsill u tibda fis-6.30pm li għaliha ġew mistiedna ir-residenti kollha.

8.2 Qed jagħmel ukoll proposta biex id-dħul tal-Knisja l-ġewwa mill-Kanċell fejn hemm ftit siġar u pjanti tingħata dehra isbaħ.
Il-ħsieb huwa li nġibu Disinjatur kwalifikat fuq il-pjanti biex joħloq 'sketch' ġdid b'siġar u pjanti addattati għal din l-entratura. Din tkun parti mill-għajnuna li daħal għaliha l-Kunsill biex jagħmel ambjent aħjar fil-lokalita' tagħna.

8.3 Issuġġerixxia li jsir l-isem tat-triq fi Pjazza Anton Buttigieg għad unur Lewis.B. Scicluna li diġa ġiet approvata mis-"Street Naming Committee".

8.4 Ħabbar ukoll li l-Kunsill Lokali għadu kif ġie infurmat li ħa s-somma ta' €7249 mingħand s-Segretarju Parlamentari Ghad-Dialogu Pubbliku li kien applika għalihom fuq il-proġett ta' Ko-Finanzjament għall-Proġetti tal-Unjoni Ewropea. Il-proġett huwa bini ta' ħitan tas-Sejjieħ.

8.5 Fl-aħħar nett is-Sindku Anthony Dalli irrefera għall-applikazzjoni li sejra tissottometti d-ditta Blokrete Ltd mal-Mepa fuq impjant ġdid li beħsieba tagħmel fis-snin li ġejjien.

8.6 Peress li din il-fabbrika tinsab viċin tal-lokalita' tagħna u hemm il-ħsieb li din tersaq xi tletin metru l-ġewwa tista' taffettwa l-ambjent ta' madwarna u r-residenti tagħna. Għaldaqstant tajjeb li wieħed jidħol aktar fil-fond fuq din il-proposta u jieħu parir mingħand il-konsulent tagħna.

## 9. AĠĠORNAMENT.

9.1 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgha ġiet fi tmiemha fis-6.40pm

9.2 Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 9 ta' Novemberu 2009 fil-5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Ezekuttiv.